**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 15 ta' Diċembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 6/2021 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni minn liema kellhom minuri bl-isem ta' E B li twieldet nhar it-tmienja ta' Diċembru elfejn u sittax (8.12.2016) (ara ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok A);*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejniethom tkissret b'mod irrimedjabbli. Illi minn dak iż-żmien 'l hawn, il-minuri dejjem irrisjediet mal-esponenti u kien huwa li ħa ħsieb u provda għal bżonnijiet kollha tal-minuri. Illi filfatt il-konvenuta qatt ma provdiet manteniment għall-istess minuri;*

3. *Illi l-konvenuta teżerċita aċċess b'mod sporadiku għall-aħħar u hemm drabi fejn qas biss ċemplet lill-minuri għal xhur. Hija wkoll ta'' spiss tkun ta' eżempju ħażin quddiem il-minuri u tiba tidgħi u thudded lill-esponenti u familtu;*

4. *Illi l-partijiet gew debitament awtrizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti mnn dina l-Onorabli Qorti datat 27 ta' Nvembru 2020 (Ara digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok B);*

5. *Illi l-fatti hawn ddikjarati jafhom hu personalment;*

*Tgħid għalhekk il-konvenuta għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportune, għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E B f'idejn l-esponenti, u tawtorizza lill-esponenti sabiex jieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri inkluż dawk relatati mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenuta;*

2. *Tordna li l-minuri tirrisjedi mal-attur;*

3. *Tiffissa aċċess għall-konvenuta għall-minuri E B taħt superviżjoni u dan fl-aħjar interess tal-minuri, liema ordni għandha tirregola kif ser jiġi eżerċitat l-aċċess fil-festi, jum l-omm u jum il-missier u għeluq snin il-minuri;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenuta lill-esponenti għall-imsemmija wild E B u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri tagħlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk*

*tieqaf mill-iskola u tibda taħdem fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeċiedi li tibqa' tistudja fuq bażi full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenuta, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li tkun qed tipperċepixi l-konvenuta, u jiġi depożtat f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmeta kull sena sabiex jirrifleti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja u li l-esponenti jirċievi kwalunkwe benefiċji tat-tifla, inkluż imma mhux limitatament, iċ-children's allowance, fl-intier tiegħu;*

5. *Tordna lill-konvenuta sabiex tħallas arretrati ta' anteniment għal minuri E B kif ukoll arretrati relatati ma' spejjeż inkorsi għas-saħħa, edukazzjoni u kwalunkwe attivitajiet extra-kurrikulari;*

6. *Tordna lill-konvenuta sabiex tħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm tkun għadha qed tistudja; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, stationary, prvatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikuari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjeż ikunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;*

7. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejejż u imgħaxijiet kontra l-konvenuta inġunta minn issa għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat li l-konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat nhar is-26 ta' Jannar 2021,[2] u ppreżentat risposta ġuramentata fejn ġie eċċepit:[3]

1. *Illi hemm qbil illi r-rikorrenti kellha relazzjoni ma-knvenut minn liema relazzjoni twieldet tarbija wahda li nghatat l-isem ta' E B illi twieldet nhar it-8 ta' Dicembru tas-sena 2016;*

2.

[2] Fol. 8.
[3] Fol. 43.

*Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet ftit wara illi l-minuri ghalqet sena u ftit xhur fejn il-kagun ta' dan kollu jahti unikament il-missier.*

3. *Illi l-minuri kienet min dejjem tghix ma' ommha u thalliet mal-missier meta l-propjeta fejn kienet tirrisjedi l-omm ma baqghetx aktar abitabbli.*

4. *Illi nfethe medjazzjoni bin-numru 759/19 liema medjazzjoni nghalqet stante illi l-missier falla s-sezzjonijiet tal-medjazzjoni aktar minn darbtejn u ghalhekk il-medjatur gie kostrett illi kellu jaghlaq il-medjazzjoni.*

5. *Illi hemm qbil illi ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza stante illi mhux talli l-omm ma thallietx aktar tara lil bintha izda l-minuri thalliet man-nanna paterna li mhix tawtorizza l-acces mal-omm liema access kien dejjem liberu.*

6. *Illi mhu minnu xejn li l-omm injorata lil bintha anzi ghal kuntrarju l-omm qieghda ticcahhad milli tara u tgawdi lil bintha minuri u dan ghax in-nanniet patera qed jahsbu li akkwistaw xi dritt sagrosant fuq il-minuri.*

7. *Illi saru diversi tentattivi sabiex l-omm tara mqar lil bintha fil-gurnata t'gheluq sninha u ghalkemm l-omm taf li l-minuri ghandha hutha ohra u kienet tmur tajjeb maghhom, xorta ma thallietx tara lil bintha u wisq anqas tehodha maghha ghal access.*

8. *Illi fil-gurnata ta gheluq snin il-minuri hutha xtaqu illi jghidulha happy birthday u nanna paterna irrispondiet li 'Le ghax tbikkijili'.*

9. *Illi l-minuri QATT ma ghexet ma' missierha kie qieghed jigi dikjarat b'mod sfaxxat mir-rikorrenti tant illi n-nanniet paterni spiccaw irabbu lil minuri huma fejn lanqas l-affarijiet bazici ma huma jaghtuha specjalment ikel fejn il-minuri tilfet hafna mill-piz xi haga illi ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.*

10. *Illi r-rikorrenti telaq lil bintu E B u bena relazzjonijiet ohra ma diversi partners minn liema relazzjonijiet ghandu tfal.*

11. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess il-konvenuta titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad t-talbiet tar-rikorrenti u dan that dawk il-provvedimenti illi din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni wara illi tisma l-provi li ser jigu ppreznentati waqt it-trattazzjoni tal-kas.*

*Spejjez a kariga tar-rikorrenti li minn issa jinsab ingunt ghal subizzjoni.*

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' E B, li jġib in-numru progressiv 7111 tas-sena 2016;[4]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 27 ta' Novembru 2020,[5] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat illi din il-kawża mxiet flimkien mal-kawża fl-ismijiet inversi, bir-rikors ġuramentat enumerat 15/2021 AL, liema kawża ukoll titratta l-kwistjoni tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri E B;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[7]

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema

[4] Fol. 5.
[5] Fol. 6.
[6] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2021, a fol. 16.
[7] Fol. 270.

relazzjoni twieldet il-minuri E B nhar it-8 ta' Diċembru 2016. Jirriżulta illi numru ta' raġunijiet varji tali relazzjoni sfaxxat fix-xejn. Fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċat għamlet żmien tgħix mal-konvenuta u konsegwentament marret tgħix mal-attur. Jirriżulta illi *pendente lite* ma hemm l-ebda digriet dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri. Tenut kont tal-allegat aġir tal-konvenuta, l-attur intavola din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri bintu tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attur qiegħed jitlob:

i. Jiġi fdat b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, b'dana illi jkun awtorizzat jieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa, edukazzjoni, passaport u safar tal-minuri, filwaqt li din tirrisjedi miegħu b'mod permanenti;

ii. Tordna li l-konvenuta jkollha d-dritt għal aċċess mal-minuri taħt is-superviżjoni, u dan jekk jirriżulta li huwa fl-aħjar interess tal-minuri;

iii. Tiffissa manteniment adegwat għal minuri, filwaqt li tordna lil konvenuta sabiex tħallas ukoll nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

iv. Tordna lil konvenuta sabiex tħallas arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta toġġezzjona għat-talbiet kollha tal-attur.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:*

L-attur xehed permezz ta' affidavit,[8] fejn jgħid illi ltaqa' mal-konvenuta fl-2015 u damu flimkien f'relazzjoni għal sentejn sħaħ sakemm il-konvenuta inqabdet tqila bil-minuri. Ir-relazzjoni għal bidu kienet tajba, iżda lejn l-aħar tat-tqala, il-konvenut jgħid li l-konvenuta bdiet tinbidel, tant li wara li twieldet il-minuri nhar

[8] Fol. 244.

it-8 ta' Diċembru 2016, il-konvenuta nbidlet kompletament. Dan fis-sens illi l-konvenuta ma kellha l-ebda interess fit-tifla, iżda kien moħħha biex tqatta' l-ġurnata tagħha rieqda jew tilgħab fuq il-*computer*. Jispjega li anke bil-lejl, kien dejjem hu li jqum jagħti *bottle* lit-tifla, u matul il-ġurnata waqt li l-attur kien ikun ix-xogħol kienet tkun omm l-attur li tgħin fit-trobbija tal-minuri għaliex il-konvenuta ma kienetx ta' għajnuna.

Sussegwentament il-konvenuta marret tgħix għand ommha, filwaqt li ħalliet lill-attur u t-tifla jgħixu għand omm l-attur. Għalhekk l-attur baqa' jaħdem u matul il-jum il-minuri kienet tkun taħt għajnejn ommu, sakemm x'ħin jasal mix-xogħol kien imur għand il-konvenuta bit-tifla sabiex iqattgħu ftit ħin flimkien. Il-ġlied beda għaliex il-konvenuta ma kienetx qiegħda terfa' r-responsabbilita' tagħha bħala omm. Lanqas ma kienet tagħti kas saħħitha, u ma kienetx tmur għall-appuntamenti tagħha ġewwa l-isptar. Dan il-perjodu dam għaddej għal sena sħiħa, u l-attur jgħid li kienu ta' spiss jargumentaw, jieqfu mir-relazzjoni u jerġgħu jirranġaw, iżda l-argumenti kienu dejjem l-istess *"cioe' li ma tagħtix kas it-tifla bżżejjed, li dejjem fuq il-computer jew toħroġ ma huha jew tara x'ħa tivvinta u t-tfal ma tagħtix kashom", "argument ieħor li kien ikollna huwa l-fatt li kienet tirċiei children's allowance ta' E u tat-tfal l-oħra u minflok tonfoq il-flus fuq it-tifla kienet tispiċċa tonfoqhom fuq iċ-ċuċati".*[9]

Għal ħabta tal-aħħar ta' April 2018, il-konvenuta marret tgħix maz-zijiet tagħha Ħaż-Żebbuġ u fl-istess żmien ħasru għal kollox, fejn kienu qatgħu l-kuntatt għal kollox għalkemm jgħid li xorta kien imur juriha lit-tifla ħalli forsi jkun hemm xi forma ta' relazzjoni bejnithom. Madanakollu, il-konvenuta ma kienetx tqatta' iktar minn 5 minuti mal-minuri, filwaqt li drabi l-oħra kienet issabbat il-bieb f'wiċċhom għaliex ma kienx ikollha aptithom. Konsegwentament il-konvenuta kienet ċemplet lill-attur sabiex jiltaqgħu f'Uffiċċju Distrettwali tas-Sigurta' Soċjali sabiex idawru l-indirizz residenzjali tal-minuri biex jirrifletti dak tal-attur, kif ukoll il-kura u kustodja sabiex b'hekk l-attur jibda jirċievi *Children Allowance* tal-minuri hu stess. Dan kien l-aħħar kuntatt li l-attur kellu mal-konvenuta għal xhur sħaħ. Nelfrattemp l-attur jgħid li beda relazzjoni ma' persuna oħra, u dan kien infurja lill-konvenuta. Jingħad li t-tifla kienet ġieli tmur taraha, iżda kulma kienet ċemplet lil minuri kienu fl-birthday tal-minuri stess. Darb' oħra l-konvenuta kienet ċemplet biex tieħu lil minuri għal birthday ta' oħtha, iżda l-attur kien irrifjuta peress li l-minuri kienet ma tiflaħx.

[9] *Ibid.*

Minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni, l-attur ma kellux għażla li jibda dawn il-proċeduri. Il-partijiet jevitaw il-kuntatt bejniethom, u dan għaliex ma jafux jikkomunikaw bejniethom. Jingħad li ma kienx possibbli li l-partijiet jaslu fi ftehim bonarju, anke minħabba l-fatt li ma kienx faċli żżomm kuntatt mal-konvenuta u t-tifla għal konvenuta kienet teżisti biss fil-birthday. L-attur jsemmi episodju fejn darba meta wasal żmien għeluq snin il-minuri, il-konvenuta bdiet tmur wara l-bieb tad-dar tal-attur tgħajjat, tħabbat, iċċempel u tgħajjr lil omm l-attur. Għalhekk kienu ukoll intervjenew il-Pulizija. Minħabba dawn l-episodji, l-attur jikkontendi li ma kienx komdu li jibgħat lil minuri mal-konvenuta, speċjalment meta din kienet ilha tabbandunaha għal xhur twal. Għalhekk minħabba l-aġir tal-konvenuta, l-attur qiegħed jitlob li l-kura u kustodja tkun vestita f'idejh.

L-attur jgħid ukoll li huwa jaħdem bħala *mechanic* u għandu introju ta' madwar €1000 nett fix-xahar, minn liema somma jrid iħallas €225 bħala pagament tal-*loan* tad-dar. Jgħid ukoll li mindu twieldet, huwa qatt ma rċieva manteniment minngħand il-konventa. Bħala spejjeż tal-minuri huwa jgħid li għandu s-somma ta' €435, u dan apparti spejjeż edukattvi u ta' saħħa. Għalhekk, l-attur qiegħed jitlob arretrati ta' manteniment mid-data ta' twelid.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

a. *Affidavit ta' F B, ossija omm l-attur, debitament maħluf nhar is-17 ta' Marzu 2022 u pprezentat nhar il-25 ta' Marzu 2022*,[10] fejn ikkonfermat il-verżjoni ta' binha;

b. *Ix-xhieda ta' Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[11] fejn ippreżenta kopja tal-*employment history* tal-attur,[12] fejn jirriżulta illi jinsab ingaġġjat fuq bażi *full-time* bħala *helper* ma' McLaren Garage sa mill-1 ta' Novembru 2018. Rigward il-konvenuta, ix-xhud iddikjara li ma hemm l-ebda rekord;

[10] Fol. 262.
[11] Fol. 19, 24.
[12] Fol. 20.

c. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[13] fejn ippreżenta: (i) *statement* fuq l-attur,[14] fejn jidher li bbenefika minn *In Work Benefit* fl-2018, *Sickness Benefit* fl-2015 u l-2020, u *Children Allowance* sa mil-2018, u (ii) *statement* fuq il-konvenuta,[15] fejn jidher li ilha tipperċepixxi minn *Social Assistance* u *Children Allowance* sa mill-2012, kif ukoll ħadet *Children's Supplement* fl-2015 u *Maternity Benefit* fl-2014, 2016, 2017;

d. *Ix-xhieda ta' Leon Gatt PC 867 in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[16] li ppreżenta żewġ (2) rapporti magħmula mill-attur kontra l-konvenut: (i) rapport datat 8 ta' Diċembru 2020,[17] fejn ġie rappurtat illi wara l-bieb tal-attur kien hemm il-konvenuta u familjari tagħha sabiex jiġbru lit-tifla, u (ii) rapport datat 21 ta' Novembru 2020,[18] fejn ġie rapportat li l-attur irċieva xi messaġġi minngħand il-konvenuta fejn infurmata li kienet ser tmur quddiem ir-residenza tiegħu sabiex tiġbor lil minuri u dan minkejja li l-kura u kustodja tal-minuri tinsab f'idejh. Ippreżenta kopja tal-fedina penali tal-konvenuta,[19] fejn jirriżulta li nstabet ħatja talli nhar is-16 ta' Novembru 2018 inġurjat jew heddet lil ċertu G H;

e. *Ix-Xhieda ta' Lorraine Attard in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[20] li kkonfermat li ma sabet l-ebda rendikont jew kontijiet bnakrji f'isem il-partijiet;

f. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc,*[21] fejn ddikjarat li kontijiet f'idem il-konvenuta ma jeżistux, filwaqt li ppreżentat l-i*statement* bankarju tal-kontijiet f'isem l-attur: (i) bin-numru 40013156707 bħala *savings account*,[22] (ii) bin-numru 40016310171 bħala *savings account*,[23] (iii) bin-numru 40025215034 bħala *house loan account*;[24]

[13] Fol. 19, 26.
[14] Fol. 22.
[15] Fol. 23.
[16] Fol. 32, 38, 53, 230.
[17] Fol. 33.
[18] Fol. 35.
[19] Fol. 54.
[20] Fol. 53, 229.
[21] Fol. 53, 232.
[22] Fol. 58.
[23] Fol. 65.
[24] Fol. 225.

g. *Ix-xhieda ta' Gabriella Marmara in rappreżentanza ta' APS Bank*,[25] fejn ikkonfermat li fuq isem il-partijiet ma sabet l-ebda rendikont u kontijiet bankarji;

h. *Ix-xhieda ta' Valentina Mintoff in rappreżentanza tas-Sezzjoni Child Protection fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*,[26] fejn iddikjarat li kienet tieħu ħsieb il-każ bejn il-partijiet sa mill-2019 u dan stante li kienet il-konvenuta li ċemplet biex tirraporta, fejn dak iż-żmien kien hemm xi kwistjoni dwar l-aċċess għaliex l-attur ma riedx juri lit-tifla lil ommha. Madanakollu tikkonferma li ma kienx jidher li kien hemm xi abbuż fuq il-minuri E B, u għaldaqstant għal ħabta ta' Ġunju 2019 il-każ ġie magħluq min-naħa tal-Aġenzija Appoġġ. Meta saru xi *home visits* mill-ħaddiema sċjali ikkonċernati kien jidher li s-sitwazzjoni kienet stabbli, iżda meta kienu saru *home visits* għand in-nanna maternali l-post ma kienx adekwat għal minuri, bi problemi fl-istruttura u l-minuri tgħix f'kamra żgħira mal-omm. Konsegwentament il-konvenuta marret tgħix għand is-sieħeb tagħha, fejn l-ambjent kien ferm aħjar. Ix-xhud tispjega ukoll li l-konvenuta għandha tifla oħra, li ma kienetx tgħix magħha iżda ma' xi nanniet;

i. *Dokument iffirmat mill-kovenuta nhar l-1 ta' Ġunju 2018*,[27] fejn iddikjarat illi mill-1 ta' Ġunju 2018, il-minuri bdiet tgħix mal-missier, u għalhekk taċċetta li *Children Allowance* jibda jirċivihom hu f'ismu u kif ukoll li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun f'idejh;

j. *Dokument iffirmat mil-attur nhar l-1 ta' Ġunju 2018,*[28] fejn iddikjara li mill-1 ta' Ġunju 2018 il-minuri ser tgħix miegħu, ser ikollu l-ura u kustodja tagħha, filwaqt li jikkonferma li mhux ser jirċievi manteniment minngħand l-omm;

k. *Dokumenti li juri l-ispejjeż relatati mas-saħħa tal-minuri*;[29]

l. *Payslip tal-attur mill-McLaren Garage*, għax-xahar ta' Ottubru 2021 fejn l-introjtu nett kien ta' €738.20,[30]għax-xahar ta' Novembru 2021 fejn l-introjtu

[25] Fol. 234.
[26] Fol. 236.
[27] Fol. 249.
[28] *Ibid.*
[29] Fol. 250 – 259.
[30] Fol. 261.

nett kien ta' €738.20,[31] u għax-xahar ta' Diċembru 2021 fejn l-introjtu nett kien €873.30;[32]

<u>*Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:*</u>

Il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tal-konvenuta, u dan minkejja li ngħatat kull possibilita' sabiex tressaq il-provi tagħha. Fil-fatt inżammu s-segwenti seduti quddiem l-Assistant Ġudizzjarju, u ċjoe' is-seduta tas-6 ta' Mejju 2022,[33] tat-13 ta' Mejju 2022,[34] u tal-20 ta' Lulju 2022,[35] iżda l-konvenuta la biss dehret u wisq anqas reset il-provi tagħha. Għaldaqstant, l-istadju tal-provi tal-intimat ġew iddikjarati magħluqa.[36]

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-<u>kura u kustodja</u>, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[37] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[38] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie*

---

[31] Fol. 260a.
[32] Fol. 260.
[33] Fol. 264.
[34] Fol. 268.
[35] Fol. 269.
[36] Fol. 270.
[37] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[38] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[39] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[40] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[41] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[42] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>*setgħa tal-ġenitur*</u>, il-Qorti tibda billi tiċċita Artikolu 90 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieġ:

*(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

[39] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[40] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[41] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[42] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-artikolu tal-liġi huwa indikattiv li l-Qorti f'kazijiet fejn hemm involuti t-tfal għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawza. Magħdud ma' dan, jingħad illi l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat "Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri." Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*
*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jipu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, izda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiz-zwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux mizzewġin *o meno.*

Fir-rigward ta' <u>manteniment</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents,*

għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[43] li għallmet illi:

*"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid, ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[44] spjegat illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel"*. B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi

---

[43] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.
[44] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attur sabiex din il-Qorti takkordalu l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E B, bint il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenuta għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehemha għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Mix-xhieda tal-attur jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldet il-minuri. Għalkemm l-attur qiegħed jitlob li jiġi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, mill-atti jidher li l-konvenuta qiegħda toġġezzjona għal dan. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li qal l-attur fl-affidavit tiegħu, liema verżjoni bl-ebda mod ma ġiet kontradetta mill-konvenuta. Barra minn hekk jidher ċar illi l-attur dejjem għamel l-almu tiegħu sabiex jieħu ħsieb lil minuri, u għalhekk ma hemm l-ebda dubju dwar il-veraċita' tal-verżjoni tal-

attur. Il-konvenuta kellha kull fakolta' li tinnega u tipprova l-kuntrarju ta' dak li saħaq l-attur, kif ukoll ikkonfermat minn ommu. Madanakollu, il-konvenuta għażlet li dan ma tagħmlux. Barra minn hekk, il-Qorti tara ukoll li l-verżjoni tal-attur għandha mis-sewwa, speċjalment fir-rigward tal-atteġjament tal-konvenuta illi din hija diffiċli mmens sabiex tagħmel kuntatt magħha u żżomm tali kuntatt, hekk anke l-avukat tal-konvenuta stess iddikjarat li ma setgħatx tkompli tassisti legalment lil konvenuta stante li din ma għamet l-ebda kuntatt magħha għal diversi xhur u dan irrispettivament mit-tentattivi li għamlet l-avukat nnifisha. Dan l-aġir jekk xejn, ikompli juri lil Qorti li l-konvenuta ma għandhiex għal qalbha l-interessi ta' bintha.

Tenut kont tal-premess, kif ukoll tal-provi li għandha quddiemha, din il-Qorti hija moralment konvinta li ikun fl-interessi supremi tal-minuri li l-kura u kustodja tagħha tkun fdata esklussivament f'idejn l-attur, dan anke billi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedu mal-attur ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala r-residenza tiegħu. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bażika. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[45] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*. Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[46] fejn il-Qorti saħqet illi *"filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri"*. Dan kollu ġie rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Booker vs Roger Mahlangu**.[47]

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw*

[45] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).
[46] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata.
[47] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata).

*lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt malgenituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[48]

Il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs A Spagnol**,[49] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern jirriżulta li *pendente lite* għall-kawża odjerna, il-kwistjoni tal-aċċess qatt ma ġiet regolata. Il-Qorti tara illi l-minuri għandha sitt (6) snin, u mill-atti jidher li l-aċċess qatt ma kien wieħed konsistenti. Tenut kont tal-eta' tal-minuri, kif ukoll tal-fatt li l-konvenuta ilha ma tara lil minuri għal żmien twil, il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi odjerna ikun xieraq illi l-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

1. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħedha, u jaraw hi x'taħseb dwar ommha, il-possibilita' li tibni rapport magħha u l-aspettattivi tagħha;

2. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenuta u l-minuri, b'dana illi tali aċċess għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' *social worker*, skont il-frekwenza li jidrilhom xierqa fiċ-ċirkostanzi, fejn għall-ewwel żewġ aċċessi l-attur jkun jista' jkun preżenti anke' sabiex il-minuri

[48] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[49] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

tħossha iktar kunfidenti, iżda sussegwentament tali aċċess ma għandux isir fil-preżenza tal-missier, sabiex b'hekk il-minuri ma tkunx influwenzata minn missierha waqt l-aċċess, u fl-istess waqt permezz tas-superviżjoni tas-*social worker* il-konvenuta tkun kostretta li matul l-aċċess tqatta' ħin ta' kwalita' mal-minuri bl-intiża li tinbena relazzjoni bejniethom.

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura u l-kustodja tal-minuri ser ikunu vestiti esklussivament f'idejn l-attur u per konsegwenza tgħix miegħu, il-konvenuta għandha tivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[50] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[51] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina***,[52] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[53]*". ".*

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-attur fl-affidavit tiegħu jiddikjara kemm huma l-ispejjeż minuri,[54] fejn fix-xahar tonfoq is-somma ta' €435. Tajjeb li jingħad illi tali prospett ma ġiex ikkorraborat b'xi rċevuta. Barra minn hekk, mill-atti jidher illi l-attur jinsab ingaġġjat fuq bażi *full-time* bħala mechanic, filwaqt li ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' dak li tagħmel il-konvenuta għajr li tipperċepixxi minn

[50] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[51] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[52] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[53] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[54] Fol. 614.

benefiċċji soċjali. Magħdud ma' dan, ma jidhirx li l-kwistjoni tal-manteniment qatt ġiet regolata *pendente lite.*

Tenut taċ-ċirkostanzi u l-provi mresqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenuta għandha tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemha għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenuta għandha tħallas lill-attur total ta' €275 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalunkwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal bintha E B, sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attur. F'każ li l-minuri, tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi tali ċifra ta' €275 għal minuri E B għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Ġunju 2018, u dan skont il-prinċipju kif addottat fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**.[55] Għaldaqstant il-konvenuta għandha tħallas lil attur is-somma ta' €15,125 rappreżentanti arretrati ta' manteniment, inkluż sehemha mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, minn Ġunju 2018 sa Diċembru 2022.[56]

Finalment, il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun

[55] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2): liema kawża ġiet intavolata nhar it-30 ta' Jannar 2012 u matul il-medjazzjoni, senjatament nhar l-14 ta' Novembru 2011, ngħata digriet *pendente lite* għall-manteniment ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti pprosegwiet billi ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Jannar 2012 (ċjoe' meta nbdiet il-kawża) sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem (qabel ma nqatat il-kawża) il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat, b'dan illi l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

[56] €275 x 55-il xahar.

imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti l-provvediment segwenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri, ċjoe' li fid-dawl tal-provi miġjuba fil-mori tal-kawża, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenuta stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtoF' fuq l-istess minuri, liema awtoF' *se mai* tista' tintuża fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta. Fid-dawl tal-provi kollha miġbura, il-Qorti hija tal-fehma li s-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fih biss, b'dana illi l-konvenuta tiġi żvestita mill-awtoF' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan konsegwentament ifisser illi l-attur qiegħed jingħata l-awtoF' neċessarja sabiex jieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attur permezz ta' tali sentenza għandu l-jedd illi mingħajr ebda awtoF', kunsens jew firma tal-konvenuta, huwa għandu jieħu dawk id-deċizjonijiet versu l-minuri u jsiefer magħha ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attur qiegħed jiġi ukoll awtorizzat illi japplika jew iġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenuta, b'dana illi l-istess passaport għandu jinzamm dejjem u biss fil-pussess tal-attur.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn l-attur, b'dana illi huwa jkun awtorizzat li jieħu dawk

id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna li r-residenza tal-minuri għandha tibqa' tirrisjedu mal-attur ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attur stess jistabbilixxi bħala r-residenza tiegħu;

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna li l-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

   a. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħedha, u jaraw hi x'taħseb dwar ommha, il-possibilita' li tibni rapport magħha u l-aspettattivi tagħha;

   b. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenuta u l-minuri, b'dana illi tali aċċess għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' social worker, skont il-frekwenza li jidrilhom xierqa fiċ-ċirkostanzi, fejn għall-ewwel żewġ aċċessi l-attur jkun jista' jkun preżenti anke' sabiex il-minuri tħossha iktar kunfidenti, iżda sussegwentament tali aċċess ma għandux isir fil-preżenza tal-missier, sabiex b'hekk il-minuri ma tkunx influwenzata minn missierha waqt l-aċċess, u fl-istess waqt permezz tas-superviżjoni tas-social worker il-konvenuta tkun kostretta li matul l-aċċess tqatta' ħin ta' kwalita' mal-minuri bl-intiża li tinbena relazzjoni bejniethom.

4. Tilqa' ir-raba' u s-sitt talba, u tordna li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemha għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenuta għandha tħallas lill-attur total ta'mitejn u ħamsa u sebgħin ewro (€275) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal bintha E B, sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-

minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attur. F'każ li l-minuri, tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi tali ċifra ta' mitejn u ħamsa u sebgħin ewro (€275) għal minuri E B għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Ġunju 2018;

5. Tilqa' il-ħames talba u tordna lil konvenuta tħallas lil attur is-somma ta' ħmistax -il elf, mija u ħamsa u għoxrin (€15,125) rappreżentanti arretrati ta' manteniment inkluż sehemha mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri minn Ġunju 2018 sa Diċembru 2022;

6. Tiċħad is-seba' talba;

7. Ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-konvenuta tiġi żvestita mill-awtoF' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi l-attur qiegħed jingħata l-awtoF' neċessarja sabiex jieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta.

Ft. Dr.Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. F Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur